**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 176/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Gleiciane Lino Achaval**

Illum l-10 ta' Dicembru 2020

Il Qorti:

Gleiciane Lino Achaval bint Rita nee` Lino Da Silva, imwielda gewwa Brazil, nhar is-07 ta` Settembru 1984, residenti gewwa St. James Court, Flat 2, Triq is-Sinja, Attard u detentrici tal-passaport numru FN183737

akkuzata talli f`dawn il-Gzejjer fit- 12 ta` April 2017 u fix-xhur ta` qabel, b`diversi azzjonijiet maghmulin minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b`rizuluzzjoni wahda (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta):-

1. F`Malta assocjat ruhha ma' xi persuna jew persuni f`Malta jew barra minn Malta bil-ghan li taghmel delitt f`Malta li ghalih hemm il-piena ta` prigunerija u li ma jkunx delitt taht l-Att dwar l-Istampa (Art. 48A (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

2. Akkuzata wkoll aktar talli fl-istess perjodu ikkomettiet serq ta' credit card tal-Bank of Valletta u Gold Card tal-Bank of Valletta flimkien ma flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil- 'mezz', bil- 'valur' (izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37 Euros), bil-'persuna', bil-'lok' u bil-'hin' ghad dannu tal-Bank of Valletta u EmanuelCamilleri u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra. (Art.261(b)(c)(d)(f),Art.263(a),Art.265,Art.267,Art.268(b),Art.269(g), Art 270, Art.279(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

3. Akkuzata aktar talli fl-istess perjodu f`Malta xjentament laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b` qerq, jew akkwistati b` reat, sew jekk dan sar f `Malta jew barra minn Malta, jew, xjentament, b`kull mod li jkun, indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.(Art 334(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta)

4. Akkuzata wkoll talli fl-istess perjodu b`mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b` qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b`ohra sabiex igieghel titwemmen l- ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta` haddiehor. (Art. 308 Kap. 9)

5. Akkuzata aktar talli fl-istess perjodu ghamlet xi qligh iehor b`qerq.(Art. 309, 310(a) Kap. 9).

Rat li matul l-ezami tal-imputata fl-udjenza tat-13 ta' April 2017, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputata tenniet li ma kienitx hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha.[1]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif inhi diversament ippreseduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 b'digriet moghti mis-Sinjurija Tieghu il-Prim' Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi LL.D.[2]

Rat li fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2019 il-partijiet iverbalizzaw li ezentaw din il-Qorti kif preseduta milli terga tisma lix-xhieda prodotti.[3]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar il-25 ta' Frar 2019 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputata ghandha tigi aggudikati minn din il-Qorti u tinstab hatja u cioe[4]:

---

[1] Folio 16 u 8 ta' l-atti processwali
[2] Folio 223-225 ta' l-atti processwali
[3] Folio 227 ta' l-atti processwali
[4] Folio 214 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 18, 31 u 48A(1)(2)(3)(4) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 18, 20, 31, 261(b)(c)(d)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268(b), 269(d)(g), 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281 (a)(b)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikoli 18, 31 u 334(a)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 18, 31, 308 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e. Fl-artikoli 18, 31, 309 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f. Fl-artikoli 7, 8, 11, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

h. Fl-artikoli 412C, 412D, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat li fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2019 l-artikolu tal-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali nhar il-25 ta' Frar 2019 gew moqrija u waqt l-istess udjenza, l-imputata tenniet li m'ghandhiex oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti.[5]

[5] Folio 214-215 ta' l-atti processwali

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-27 ta' Frar 2019.

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-15 ta' Lulju 2020.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, kif ukoll ix-xhieda ta' l-imputata li nghatat b'mod volontarju, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jittrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tat-3 ta' Settembru 2020.

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghall-11 ta' April 2017 meta kien gie rapportat li persuna bl-isem ta' Emanuel Camilleri mar jigbed il-flus mill-*ATM* tal-Bank of Valletta u nduna li l-*cashlink visa* tieghu kienet nieqsa. Meta rraporta li l-*card* kienet giet nieqsa gie infurmat li saru numru ta' transazzjonijiet minnha b'ammont konsiderevoli ta' flus kif ukoll li ngibed flus minnha wkoll. Mill-investigazzjonijiet irrizulta li kienet l-imputata li kienet responsabbli ghall-istess transazzjonijiet u preljevi mill-*ATM*.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tas-26 t'April 2017 xehed il-parte civile **Emanuel Camilleri**. Huwa spjega li huwa kien mar sabiex jigbed mill-ATM ta' Haz- Zebbug u ma sabx card minnhom fil-kartiera. Huwa haseb li kienet intilfet u allura dahal fil-fergha u ghamel rapport dwar dan. Kif kien hemm, staqsa kemm kien il-bilanc u gie informat li kien ta' madwar €5,000 meta skont hu, suppost kien bejn €45,000 u €50,000. Minn fuq ir-rendikont li gie moghti, huwa seta' jaghraf ghadd ta' transazzjonijiet li skont hu, ma kienx jaf bihom. L-ewwel wahda minn dawn is-serje ta' transazzjonijiet saret fid-19 ta' Jannar 2017 u l-ahhar wahda fis-7 t'April 2017 u b'kollox naqsu cirka €38,000. Mistoqsi jekk kienx jircievi notifika mill-bank kull meta kienu jingibdu l-flus, il-parte civile ma eskludiex imma qal li l-mobile ma kienx ikun fuqu, u sahansitra kien nesieh fil-vann li kien bil-hsara. Mistoqsi jekk kienx qatt juza s-servizzi tal-Fexserv, il-parte civile wiegeb fin-negattiv izda kkonferma li kien hemm xi okkazjoni fil-passat, x'aktarx Dicembru 2016, fejn kien ta xi flus lill-imputata li maghha kien f'relazzjoni u kienu ilhom jikkonvivu ghal madwar sena u nofs. Dawn il-flus kienu ntbaghtu lill-familja taghha gewwa l-Brazil permezz tal-Western Union permezz tal-kompjuter. Il-parte civile spjega li l-bicca l-kbira mill-flus li naqsu intuzaw ghal trasferimenti mal-Western Union u kien hemm ukoll xi transazzjonijiet fi hwienet f'San Giljan. Skont hu, huwa ma kien approva xejn minn dawk it-transazzjonijiet. Il-parte civile kompla jispjega li huwa ghandu zewg cards mal-BOV u qajla jaf juza l-kompjuter. Senjatament,

qal ma jafx juza s-sistema tal-Western Union u li allura, meta kienet ghamlet it-trasferiment bl-approvazzjoni tieghu, ghamlet kollox hija stess minn fuq il-kompjuter tieghu. Apparti dan, huwa qatt ma awtorizza transazzjonijiet ohrajn. Meta huwa kien ikkonfronta lill-imputata fuq dawn it-transazzjonijiet, hija nnegat li kienet involuta u bhal qisha hadet ghaliha. Il-parte civile stqarr li l-jum ta' qabel is-seduta, cioe` il-25 t'April 2017 ghall-habta tat-15:47hrs, huwa ircieva telefonata mill-habs fejn kellmitu persuna femminili bl-Ingliz u qaltlu li qed titkellem f'isem l-imputata u staqsietu jekk huwa hux lest jahfer lill-imputata jekk thallsu lura fix-xahar. In kontro-ezami, il-parte civile rega' kkonferma li l-mobile li fuqu kien jircievi n-notifiki tal-bank kien ghamel zmien twil gewwa vann li kien bil-hsara. Mistoqsi jekk kienx jircievi rendikonti tal-bank id-dar bil-posta, huwa wiegeb bl-affermattiv izda qal li ma tantx jaghti kashom. Ammetta li sa Marzu 2017, il-mobile phone li kien fil-vann rega' kien fil-pussess tieghu. Skont il-parte civile huwa qatt ma baghat lill-imputata sabiex tigbidlu l-flus mill-ATM. Il-parte civile rega' ha l-pedana fis-seduta tal-10 t'Ottubru 2018, fejn stqarr li f'dak l-istadju huwa beda jissuspetta li l-imputata ma kellha x'taqsam xejn mat-transazzjonijiet in kwistjoni, u allura li huwa kien zbaljat fir-rapport li kien ghamel mal-bank u l-Pulizija. Ikkonferma ukoll li huwa u l-imputata jghixu flimkien bhala koppja. Tenut kont ta' dan, iddikjara li huwa ma xtaqx ikompli bil-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2017, xehed **Alexander Miruzzi**, ufficjal ta' Bank of Valletta plc adett fis-Security Department. Fit-12 t'April 2017 il-bank ircieva komunikazzjoni minghand l-Ispettur Trevor Micallef sabiex jigu provduti filmati CCTV mill-kameras ta' fejn l-ATMs ta' Casino Malta,

Portomaso u St. Julians Mayfair, dan wara li persuna ghamlet rapport lill-pulizija li terzi persuni kienu hadulha xi flus mill-kontijiet taghha. L-Ispettur talab ukoll informazzjoni rigwardani l-kont tal-parte civile Emanuel Camilleri. In succint, ir-rapport kien jikkoncerna allegati frodi ta' valur ta' iktar minn €30,000 minn zewg cards tal-parte cvile, u cioe` Cashlink Visa u Visa Gold Card tieghu. Il-claims saru fil-11 t'April 2017. Ix-xhud spjega li l-parti l-kbira minn dawn il-flejjes, €25,377.40 mill-Cashlink Visa u €5,069.60 mill-Gold Card, gew irkuprati mill-bank. Skont ix-xhud, l-unika ammont li ma giex irkuprat kien vicin l-€1,000. Fir-rigward tal-filmati CCTV, ix-xhud stqarr illi huwa kien ra l-filmati u fihom seta' jaghraf lill-imputata. Irrimarka ukoll li kienet tidher terzi persuna femminili vicin tal-imputata. Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tal-31 t'Awwissu 2017 fejn stqarr li l-flus kienu ghadhom fil-pussess tal-bank, li min-naha tieghu kien qed jistenna struzzjonijiet mill-Qorti dwar kif ghandu jiddisponi minnhom. Gie riprodott ukoll fis-seduta tas- 6 ta' Frar 2020, fejn wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali, spjega li huwa jokkupa l-pozizzjoni ta' Security Manager u kien involut fl-investigazzjonijiet relatati mal-kaz odjern, li gew mibdija wara rapport minn Emanuel Camilleri. Ir-rapport kien dwar Cashlink Visa u Visa Gold li allegatament intużaw minn terzi ad insaputa tieghu. Ix-xhud spjega li l-uzu ta' card minn terzi mhuwiex necessarjament frawdolenti ghax jista' jkun li l-klijent jagħti lill-persuna terza l-card u l-pin u allura dik it-transazzjoni tkun awtorizzata mill-klijent. Filwaqt li lill-Camilleri qatt ma kellmu direttament, ix-xhud stqarr li l-investigazzjonijiet tieghu kienu limitati ghal li jiggenera rapport tat-transazzjonijiet li kienu saru minghajr ma jidhol fil-fatt jekk dawn kienux awtorizzati mill-klijent jew le, liema informazzjoni huwa ghadda lil impjegata ohra tal-Bank Sandra Stevens.

Ix-xhud cahad illi huwa kellu konoxxenza tal-fatt li Emanuel Camilleri kellu ripensament dwar is-suspett tieghu li l-imputata kienet ghamlet uzu qarrieqi mill-cards tieghu. In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma illi kien hemm retrieval ta' whud mill-flus allegatament nieqsa, li gew mghoddija lura lil Camilleri. Iddikjara ukoll illi l-bank ma sofru ebda telf jew danni f'dan il-process.

Fis-seduta tas-26 t'April 2017 xehed **Paul Vassallo**, ufficjal ta' Fexserv, li wara li gie ezentat mis-sigriet professjonali ezebixxa 31 fattura tal-Western Union li jirrapprezentaw flejjes li kienet irceviet certa Gleiciane Lino Achaval, l-imputata, minghand certu Emanuel Camilleri, il-parte civile. Ix-xhud spjega li f'diversi okkazjonijiet, l-imputata ipprezentat ruhha fil-fergha tal-Fexserv ta' San Giljan fejn hija gibdet xi flejjes wara li provdiet dak li jissejjah *money transfer control number* (MTCN). Permezz ta' dan tkun tista' tigbed flus li jkunu saru disponibbli permezz ta' tranazzjoni onlajn minn fuq is-sistema tal-Western Union. Biex wiehed jigbed dawn il-flus irid ukoll jipprezenta dokument ta' identifikazzjoni, fil-kaz tal-imputata passaport, sabiex juri li huwa l-beneficjarju tat-transazzjoni. Ix-xhud stabilixxa li s-somma totali migbuda mill-imutata kienet ta' €31,000. In kontro-ezami, ix-xhud reaga' spjega li biex persuna tasta' tigbed il-flus mill-Western Union jinhtieg li din tkun giet indikata minn min ikun originarjament baghat il-flus. Ix-xhud gie riprodott fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2017 fejn iccara li specifikament f'dan il-kaz, l-origini tal-fondi kien permezz ta' transazzjonijiet onlajn. Ix-xhud spjega li l-kumpannija Maltija, cioe` il-Fexserv, ma ghandha l-ebda involviment fis-sistema onlajn minn fejn originaw il-flejjes in kwistjoni.

Fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2017 xehed **PS 1320 Shaun Axiaq**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan li stqarr li fil-11 t'April 2017 ghall-habta tan-12:30hrs kien mar l-Ghassa certu Emanuel Camilleri li ghamel rapport dwar card mitlufa kif ukoll ammont ta' flus li allegatament gew migbuda minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu, l-ammont ilahhaq cirka €33,000. Ix-xhud spjega li l-Pulizija kellha informazzjoni li l-persuna responsabbli, cioe` l-imputata, kienet tkun qed iddur fl-inhawi ta' San Giljan b'taxi ta' kulur *silver* kwazi kuljum. Fit-12 ta'April saret road check hdejn l-Ghassa u ghall-habta tas-13:00hrs twaqqfet karozza simili ghad-deskrizzjoni li filfatt kienet qed tinstaq mill-imputata. Minn tfittxija li saret, instab li fil-handbag din kellha l-ID Card tal-parte civile Emanuel Camilleri. Ix-xhud stqarr li l-involviment tieghu fil-kaz kien sa dak il-punt.

Fl-istess seduta xehed ukoll l-**Ispettur Trevor Micallef**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan li minn naha tieghu stqarr li huwa kien gie nfurmat bir-rapport li ghamel il-parte civile minn PS 1320 Shaun Axiaq, li ukoll ha hsieb l-investigazzjonijiet dwar l-allegati transazzjonijiet mhux awtorizzati li kienu saru. Ix-xhud stqarr illi huwa kien talab lill-BOV sabiex jipprovdulu l-filmati migbuda mill-kameras ta' hdejn l-ATMs koncernati. Meta l-imputata giet arrestata fit-12 t'April 2017, ix-xhud hadilha l-istqarrija wara li din inghatat is-soliti twissijiet u wara li kkonsultat mal-Avukat Dr Joseph Ellis.

Fl-istess seduta xehed ukoll **CO 116 Helenio Galea**, stazzjonat fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, li spjega li fil-25 t'April 2017 fl-15:47hrs saret telefonata mis-sezzjoni Female A, liema telefonata kienet bl-Ingliz u fiha

jinstema' lehen ta' mara. Madankollu, spjega li ma kienx possibbli li tigi identifikata l-persuna partikolari li ghamlet l-imsemmija telefonata.

Fl-istess seduta xehed ukoll **Peter Kroops** li spjega li huwa l-proprjetarju tal-hanut bl-isem 'Looking Good' li huwa hanut tax-xaghar u jinstab fil-kumpless Baystreet, San Giljan. Huwa kkonferma li kien ipprovda filmat elevat mill-kameras CCTV tal-hanut nhar il-5 t'April 2017. Il-kameras indikati mill-Pulizija kienu dawn ta' hdejn il-*cash till* u dik li tkopri l-bieb ta' barra. Filwaqt li kkonferma illi huwa kien ra l-filmati, ix-xhud indika li huwa kien gharaf lill-imputata li kienet klijenta tal-hanut. Ix-xhud rega' xehed fis-seduta tat-12 ta' Dicembru 2018 fejn huwa stqarr li kien hemm divarju bejn il-hin registrat fid-DVR u l-hin attwali, liema divarju kien gie senjalat lill-Pulizija meta huwa ghaddielhom il-filmat.

Fis-seduta tal-25 ta' Lulju 2017 xehed **Adriano Luigi Gallina** li stqarr li huwa kien ghadda l-filmat CCTV mitlub lill-ispettur investigattiv.

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2018 xehed **PC 168 Jonathan Sterry**, illum stazzjonat fl-RIU, li b'referenza ghad-dokumenti ezebiti a Fol 10-12, li hija l-istqarrija tal-imputata moghtija fit-12 t'April 2017, huwa gharaf il-firma tieghu, tal-Ispettur Tervor Micallef, tal-imputata kif ukoll tal-interpretu li kien prezenti sbiex jassistiha.

Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2020 xehdet **Sandra Stevens**, ufficjal tal-Bank of Valletta plc, li ara li giet ezentata mis-sigriet professjonali spjegat li l-investigazzjoni min-naha tal-bank bdiet ara li Emanuel Camilleri rrapporta l-uzu tal-cards in kwistjoni fejn skont hu kienu xi

transazzjonijiet li ma kienx għamilhom hu. Ix-xhud stqarret li l-bank ma sofra ebda telf u nnegat li l-bank ghamel rapport mal-Pulizija. Parti mill-investigazzjoni li jaghmel il-bank tikkoncerna jekk it-transazzjonijiet kif għaddew kienux awtentikati jew le u jekk taht ir-regoli tal-Visa hemmx dritt li l-flus jigu rkuprati mingħand il-Bank l-iehor. Biex sar dan inharget lista ta' transazzjonijiet li giet diskussa ma' Emanuel Camilleri, fejn dan dawk li skont hu huma illeġittimi u dawk li huma leġittimi u allura effettivament, il-bank strah fuq id-dikjarazzjonijiet tieghu. Ix-xhud ma kientx konxja tal-fatt li eventwalment, Camilleri kellu ripensament dwar l-involviment tal-imputata fl-akkadut.

Fis-seduta tat-3 ta' Settembru 2020 xehdet l-imputata **Gleiciane Lino Achaval** fejn hija nnegat li kienet serqet xi haga. Filwaqt li rrikonoxxiet li gieli kienet gibdet xi flus bil-card ta' Emanuel Camilleri u anke` ghamlet xi trasferiment bil-Western Union, dan kien dejjem bl-awtorizzazzjoni ta' Camilleri. It-trasferimenti bil-Western Union lejn il-Brazil kienu jsiru sabiex jigu mantnuti t-tfal taghha li ghadhom jirresjiedu hemmek. Hija spjegat li ilha tghix ma Camilleri ghal madwar hames snin u ghandhom relazzjoni stabbli ghalkemm kien hemm zmien li kienu ggieldu minhabba l-kaz odjern. In kontro-ezami, l-imputata sostniet illi kull transazzjoni li saret kienet bil-kunsens ta' Camilleri tant li gieli anke` kien ma' genbha u fil-fatt hija kienet tuza il-kompjuter tieghu stess. In rigward tal-card in kwistjoni, hija spjegat illi din kienet tinzamm minn Camilleri izda dan kien jghaddihielha meta jkun hemm bzonn li tmur tigbed il-flus.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet Legali**

**L-ewwel imputazzjoni – Ir-reat ta' l-assocjazzjoni**

Illi r-reat tal-assocjazzjoni bil-ghan li jigi kommess delitt huwa mahsub mill-legislatur fid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali introdott permezz tal-Att III tal-2002.

L-assocjazzjoni tibda issehh u b'hekk ir-reat ikun ikkunsmat meta jigu kkumbinati jew mifthema l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu.

Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ressqet din il-imputazzjoni bhala reat fih innifsu reat kompriz u involut fir-reati kontemplati fl-imputazzjonijiet imressqa kontra l-imputata. Dan huwa evidenti meta wiehed iqis li l-artikolu 48(A) qed jitkellem fuq l-assocjazzjoni biex jitwettaq reat.

F'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ma tispecifikax jew tindika ghal liema reat dan l-allegat assocjazzjoni jirreferi u b'hekk din il-Qorti sejra tezamina jekk l-assocjazzjoni tirrizultax fir-rigward ta' l-imputazzjonijiet kollha mressqa.

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs Antoine Grima et**[6] fejn gie deciz:

*"…. bejn ir-reat ta' assoċjazzjoni u r-reat ta' serq aggravat m'hemmx inseparabilita` ġuridika. Il-"fatt" li jwassal għall-ewwel reat mhux l-istess "fatt" li jwassal għat-tieni reat. Il-qofol ta' l-ewwel reat huwa l-ftehim bejn mill-inqas tnejn min-nies biex iwettqu delitt. Bħalma jgħid is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 48A, l-assoċjazzjoni "tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta' azzjoni tkun li tkun*

[6] Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri); Deciza 13 ta' Ottubru 2016; Att ta' Akkuza 14/2014

*tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni". Il-qofol tat-tieni reat huwa s-serq (f'dan il-każ, it-tentattiv ta' serq), naturalment bil-kwalifiki attinenti. Dak li jeżisti bejn l-Ewwel Kap u t-Tieni Kap huwa l-konkors materjali u allura l-applikabilita` tal-paragrafu (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta."*

**It-tieni imputazzjoni – Ir-reat tas-serq**

Illi l-imputata hija akkuzata talli ikomettiet serq ta' *credit card* tal-Bank of Valletta u gold card tal-Bank of Valletta flimkien ma' flus ghad-dannu tal-Bank of Valletta u Emanuel Camilleri liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, bil-persuna u bil-lok.

Id-definizzjoni ta' serq li giet segwita fil-gurisprudenza Maltija hija dik adottata mill-**Carrara** li tigbor fiha l-elementi kollha tas-serq, jigifieri l-kontrettazzjoni doluza ta' oggett li jappartjeni lil haddiehor akkwistat b'mod frawdolenti bil-hsieb li jaghmel il-qliegh mir-res furtiva[7]. Infatti skond il-**Professur Mamo** din id-definizzjoni tikkomprendi t-totalita'ta' hames elementi li lkoll iridu jigu sodisfatti sabiex il-gudikabbli jigi misjub hati. Dawn l-elementi huma:

1. *The contrectatio of the thing;*
2. *Belonging to others;*
3. *Made fraudulently;*
4. *Without the consent of the owner;*
5. *Animo lucrandi.*

[7] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro'.*

Illi dawn huma kkonfermati fis-sentenza **Il-Pulizija Spettur Joseph Mericeca vs Jonathan Zammit**.[8]

Il-Qorti f'dik is-sentenza kkunsidrat li:

*'5. Dawn il-fatti mghandhomx mir-reat ta' serq li jirravviza l- konkorrenza ta' hames elementi palezament accettati mill-Qrati taghna li huma: (i) il-kontrettazzjoni ta' haga (ii) ta' haddiehor; (iii) b'qerq; (iv) kontra l-volonta' tas-sid u (v) bl-iskop ta' lukru. Il- provenjenza ta' dawn l-elementi hija traccabbli ghall-insenjament tal- Carrara (Prog. Parte Speciale Vol Iv, para 2017) meta ifisser is-serq bhala "La contrettazione dolosa della cosa altrui,fatta invito domino, con animo di farne lucro".'*

L-aggravji tas-serq li bihom giet mixlija l-imputata f'dan il-kaz huma elenkati fl-artikolu 261 tal-Kodici Kriminali li jinkludu l-aggravju tal-mezz, tal-valur, tal-persuna, lok u l-hin. Dawn qed jissemmew specifikament u limitatament minn din il-Qorti in vista tal-imputazzjonijiet kif migjuba kontra l-imputata u li jinkorporaw biss dawn l-aggravji.

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-mezz li jista jsir b'diversi modi wkoll skond kif senjalati fl-artikolu 263, 264 u 265 tal-istess Kodici, jinkludi meta jkun hemm sgass, ksur jew skalata sabiex issir access fil-post li jkun ser jinsteraq.

Il-valur jaggrava s-serq skond dak dispost fl-artikolu 267 u li jirrizulta jekk il-valur tal-oggett misruq jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta' Marzu, 2017 (Appell Numru: 400/2015)

Skond il-Kodici Kriminali l-aggravju tal-lok jista jsir meta jsir f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha.

L-aggravju tal-persuna, huwa kkunsidrat meta ssir minn mis-seftur, mistieden jew xi hadd tal-familja tieghu, lukandier, tvernar, sewwieq ta' vettura, barklor kif ukoll meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xoghol, haddiem, profesur, artista, suldat, bahri jew impjegat iehor.

L-aggravju tal-hin issehh meta s-serq isir bil-lejl, jigifieri bejn inzul u t-tlugh ix-xemx.

**It-tielet imputazzjoni - Ir-reat tar-ricettazzjoni**

L-imputata tressqet akkuzata bl-artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali talli:

*U aktar talli fl-istess perjodu f'Malta xjentement laqat ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxihom.*

Il-gurisprudenza nostrana tghallem illi l-elementi li ghandhom jigu ppruvati in sostenn tar-reat ta' ricetazzjoni huma s-segwenti:

a) L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi oggett li huwa effetivament misruq b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi, u

b) Tali serq, akkwistat b'qerq jew akkwistat b'mod iehor illecitu irid ikun sar minn persuna ohra, cioe' mhux mill-istess persuna li qed tigi akkuzata bir-ricetazzjoni.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Alfred Brown**[9] gie kkunsidrat li:

*'Jinghad mill-bidu nett illi l-ewwel Qorti ghamlet enuncazzjoni korretta tal-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni u s-sentenzi minnha ikkwotati kollha jirreferu ghal studju magisterjali maghmul mill-mibki Imhallef William Harding fil-ktieb tieghu "Recent Criminal Cases Annotated" fejn f'sentenza numru 109 Pulizija versus Joseph Bugelli u ohrajn tal-24 ta' Jannar 1942 jinghad: "Three conditions are essential, that is, (a) that, previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchased, or, in any manner, taken part in the selling or disposing of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods." Dan l-ahhar element, dak tax-xjenza jew "awareness" kien soggett ta' diversi interpretazzjonijiet mis-sentenzi taghna u dejjem qiesu illi s- suspett biss illi l-oggett seta' kellu provenjenza illecita ma kienx bizzejjed biex jissodisfa din in-natura ta' "awareness" kif trid il-ligi. Hekk qalet, perezempju, il- kawza Pulizija kontra Carmel Debono deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl- ewwel (1) 11 ta' Novembru elf disa' mija sitta u disghin (1996): "biex persuna tinstab hatja ta' ricetazzjoni trid tkun taf li l-oggett illi qed tircievi jew li qieghed jindahal biex jinbiegh jew tmexxi hu ta' provenjenza illecita. Mhux bizzejjed li bhala fatt l-oggett ikun insteraq lil haddiehor; hemm bzonn li jkun hemm ix-xjenza tal-agent dwar dik il-provenjenza illecita." Dan gie spjegat ahjar fil-kawza Pulizija versus George Schembri, Qorti tal-Appell 30 ta' April 1992 "... min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla din il-provenjenza huwa hati ta' ricettazzjoni."*

[9] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2015 (Appell Kriminali Numru. 352/2014)

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Godwin Spiteri**[10] gie kkunsidrat li:

*'Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali tas-serq, fis-sens li hija xjenza li tista' tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz. Dan l-element intenzjonali jirrikjedi li r-ricettatur kien jaf, jew li mic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kien messu ragonevolment jaf li l-oggett li ser jakkwista gej minn provenjenza kriminuza.*[11]

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni sive John Grima**[12] dwar il-provenjenza tal-oggett ricettat gie ritenut:

*"L-element materjali tar-reat ta' ricetazzjoni jikkonsisti mhux biss filli l-agent ikun laqa' ghandu, xtara jew indahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), izda wkoll filli dak l-oggett kien effettivament misruq, miksub qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi…"*

L-istess Qorti tikkowota l-gurista **Francesco Antolisei** li jghid:

*Poiche` oggetto materiale della ricettazione devono essere denaro o, in genere, cose di provenineza criminosa, il reato presuppone l'esistenza di un altro reato: presuppone, cioe`, che un altro reato sia stato commesso in precedenza…Naturalmente il delitto anteriore deve essere effetivamente avvenuto: se fosse inesistente o simulato (si pensi al venditore della cosa che, per giustificare il basso prezzo, affermi falsamente che essa proviene da un furto), saremmo in presenza di una ricettazione putativa e, quindi, non punibile. Per iniziare il procedimento per ricettazione, non si richiede che il delitto anteriore sia*

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Marzu, 2011 (Appell Kriminali Numru: 360/2010)
[11] Ara Appell Kriminali, Il-Pulizija v. Nazzareno Zarb et, 16 ta' Dicembru 1998
[12] Qorti tal-Appell Kriminali, S.T.O Prim Imhallef Emeritus V. De Gaetano, Deciza 25 ta' Ottubru 2002

*stato accertato giudizialmente con sentenza passata in giudicato…[ma] la condanna per ricettazione non puo` aver luogo, se prima non e` stato roconosciuto esistente, nei suoi elementi essenziali, il delitto presupposto, anche se di questo non sia stato accertato l'autore. Ove si tratti di delitto perseguibile a querela di parte…a nulla rileva la mancata presentazione della querela, perche` questa e` una semplice condizione di procedibilita`. Del pari, la ricettazione puo` sussistere anche se l'autore del delitto precedente non sia punibile per difetto di imputabilita` o per un'altra causa soggettiva di esclusione della pena…Infine, la ricettazione non viene meno neppure quando il delitto, che ne e` il presupposto, sia estinto.*

In oltre l-gurista **Manzini** jghallem illi:

*"Poiche' il denaro o le cose, che possono essero ogetto del delitto di ricetazzione, debbono provenire da un delitto, ne segue che non puo' esservi 'ricettazzione' senza che il fatto si riconnetta ad un delitto anteriore."*[13]

Il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li l-imputata xjentement laqghat ghandha dawn l-oggetti misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat. Ma huwiex prova sal-grad rikjest mill-ligi li suspett li dawn l-oggetti setghu ttiehdu b'reat huwa bizzejjed biex jissussisti r-reat ta' ricettazzjoni.

**Ir-raba' imputazzjoni u l-hames imputazzjoni – Ir-reat tat-truffa u ta' lukru frawdolent innonimata**

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Aaron Mizzi**[14] fejn inghad li

[13] Trattato di Diritto Penale Italiano di Vincenzo Manzini, VOume Nono, Folio 914
[14] Qorti ta' l-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Michael Mallia; Appell Numru 225/2014

*"Illi abbazi ta' Artiklu 308 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jissussisti r-reat ta' frodi jew truffa, jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi: (i) in-ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat, (ii) l-element materjali konsistenti fl-uzu ta' ingann jew raggiri, (iii) l-elementi formali li jikkonsisti f'dolo jew fl-intenzjoni tattruffar u (iv) l-element ta' dannu patrimonjali. Min-naha l-ohra, fir-rigward tar-reat ta' frodi nnominata kkontemplat fl-Artikolu 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sempliċi gidba hija bizzejjed biex twassal ghall-kummissjoni ta' dan ir-reat u l-messa in scena mhiex necessarja. Madanakollu, il-gidba trid tkun tali li twassal ghat-telf patrimonjali tal-vittma hekk kif rikjest mil-ligi.*

*Illi fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ghamlitx interpretazzjoni korretta tal-element ta' dolo hekk kif ikkontemplat fid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza L-Pulizija vs. Charles Zarb deciza fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar tas-sena elf disgha mija tlieta u disghin (1993) huwa car: Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija biżżejjed biex teskludi d-dolo. (enfasi tal-esponent)."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **The Police vs Konstantin Alexander Anastasiou**[15] fejn intqal:

*For the Crime as configured under the charges of the case the following elements must subsist;*

[15] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Consuelo Scerri Herrera; Deciza 29 ta' Settembru 2020; App Nru: 135/2018

*1. The agent must have used the means these being those mentioned in Article 308 (by means of any unlawful practice, or by the use of any fictitious name, or the assumption of any false designation, or by means of any other deceit, device, or pretence).*

*2. The agent's action must have led the victim to part with an object, the dispossession is with the victims consent.*

*3. There must be the intention of defrauding another with the intention of making an unjust gain.*

*4. Finally an actual unjust gain must have actually been made.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs George Manicolo**[16] fejn gie ikkonfermat:

*"Sabiex jissussisti r-reat ta' truffa mhijiex bizzejjed is-semplici gidba, il-kliem menzjonier, izda hu necessarju u essenzjali li jkun hemm ukoll l-apparat estern li jaghti fidi u kredibilita' lil dik il-bidba. Dan l-att estern jista' jiehu diversi forom, kultant anke att teatrali. Irid ikun att, jew atti, li jimpressjonaw bniedem ta' intelligenza u prudenza ordinarja u normali, ghandhom ikunu atti frawdolenti li necessarjament iqajmu sentimenti kif indikat fl-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali. Minbarra l-gideb irid ikun hemm l-ingann, ir-raggiri jew is-simulazzjoni li jwasslu sabiex il-vittma jemmen jew ikollu fidi f'dak li qed jigi lilu mwieghed mill-frodatur. Dan l-ingann, ghalhekk, ghandu jkun akkumpanjat b'artifizji. kwazi teatrali, u mhux semplicement weghdiet, promessi u kliem semplici: Ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali huwa kompriz u involut f'dak ikkontemplat fl-artikolu 308 ta' l-istess Kodici. Dan johrog car*

[16] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri); Imhallef Emeritus Patrick Vella; Deciza 31 ta' Lulju 1998

*minn interpretazzjoni akkurata ta' l-artikoli 308, 309 u 310, kif ukoll fuq l-iskorta tal-gurisprudenza in materja."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal-kaz **Il-Pulizija vs Marjanu Zahra** intqal (u li sussegwentement giet ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali[17]:

*'Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fissentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn min qieghed jikkometti ir- reat u il- vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir- reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lil vittma sabiex issofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. IlQorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:*

*"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis ... Id- disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir- reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli*

---

[17] Deciza 17 ta' Mejju 2012; Appell Numru 139/2011

*mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 talKodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi .....". Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.*

*Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.*

*Fit-tieni lok il-legislatur, aktar mill-interess socjali tal- fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'lingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.*

*Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*

*a. b'mezzi kontra l-ligi, jew*

*b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew*

*c. ta' kwalifiki foloz jew*

*d. billi jinqeda b'qerq iehor u*

*e. ingann jew*

*f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,*

*g. jew ta' hila*

*h.setgha fuq haddiehor jew*

*i. ta' krediti immaginarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, cjaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.*

*".... Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ...."*

*Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi "hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess filmenti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza "Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e' necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede."*

*Ghar-reati ta' truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene."*

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe' kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jridjkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il- kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm lelement intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar- reat filmument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d- dolo."*

*Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l- elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.*

*Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa "l'elemento del'danno patrimoniale" Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)*

*Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat- truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (IlPulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : "L'agente ... deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del*

*mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

*Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir- reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir- reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifizji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il- Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): "Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta' l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment minnaha l-ohra."*

*Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa. Illi minghajr l-icken dubbju jirrizulta illi l-imputat bil-mezz ta' ingann u uzu ta' dokument illi huwa kien jaf ben tajjeb li kien falz irnexxielu jikseb fuel li ma kienx intitolat ghalih sabiex b'hekk huwa arrikkixxa ruhu u dana ghad-dannu tal-Water Services Corporation li spiccaw kellhom ihallsu ghal fuel li ittiehed indebitament millimputat. Illi l-Qorti ma tistax taqbel mad-difiza illi dana il-kaz ghandu il-fattispecje tar-reat tas-serq u dana peress illi l-imputat ma huwiex qed jiehu ad isaputa tas-sid l-oggett, izda qed jadopera mezzi u cioe' 'l hekk imsejjha artifizji sabiex jinganna u jiehu l-fuel li ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt fil-maggior parti taghhom jirrizulta illi l-vouchers ipprezentati millimputat kollha gew imhallsa mill-Korporazzjoni. Illi f'dana il-kaz hemm l-applikazzjoni ta'lartikolu 310(1) billi jirrizulta mill-atti illi*

*l-ammont ta' fuel li ittiehed mill-imputat kien jeccedi l-elf lira maltin jew l-ammont ta' €2329.37.*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Charles Zarb**[18] fejn intqal:

*"Ghar-reat ta' truffa hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' substrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. M'huwiex bizzejjed ghall-finijiet ta' l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali affermazzjonijiet, luzingi, promessi minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzonjeri tal-frodatur. Kwantu jirrigwarda d-dolo, irid ikun hemm lintenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann il-konsenja tal-flus jew oggett li jkun bi profitt ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn ilkliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali ta' truffa hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu jkun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt, u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Finalment il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Anthony Fountain u Stephen k/a Abela**[19] fejn gie spejgat l-elementi differenti bejn l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali.

*'Illi d-differenza bejn r-reati ipotizzati f'l-artikoli 308 u 309 tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-elementi rikjesti biex jissussistu dawn ir-reati, hija ben stabbilita fil-gurisprudenza taghna.*

[18] Qorti tal-Appell Kriminali; Imhallef Emeritus Carmel A Agius; Deciza 22 ta' Frar 1993
[19] Qorti tal-Magistrati (Malta) Gudikatura Kriminali; Deciza 15 ta' Dicembru 2011

*Fil-Ligi taghna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun gie perpetrat mill-agent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill- vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligh ghall-agent ... jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'raggiri jew artifizi - dak li fid-dottrina jissejjah ukoll mis en scene - ikun hemm it-truffa; jekk le ikun hemm hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolenti innominat).*

*Illi x'jikostitwixxi r-raggiri u l-artifizji ukoll huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Fi kliem Antolisei:*

*'artifizio e' ogni studiata trasfigurazione del vero, ogni camuffamento della realta effetuato sia simulando cio che non esiste, sia dissimulando ... cioe che esiste. Il raggiro d'altra parte e un avvolgimento ingenioso di parole, destinate a convincere: piu precisamente una menzogna corredata da ragionamenti idonei a farla scambiare per verita. .... E certo che l'espressione del codice di per se' richiama l' idea di una certa astuzia o di un sottile accorgimento nel porre l'inganno in opera.'*

*Antolisei jkompli jghid pero li*

*'nell'applicazione pratica della legge questa idea e' andata sempre piu affievolendosi, fin quasi a scomparire del tutto. Per tal modo si e' finito con l'ammettere che anche la semplice menzogna puo bastare per dare vita alla truffa.'*

*Illi f'dan is-sens anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk dwar il-messa in xena:*

*Il-Ligi taghna ma tirrikjediex li l-messa in xena, cioe dawk l-artifizji jew raggiri, ikunu xi haga kkumplikata jew arkittetta b'hafna pjanijiet."*

**Ikkunsidrat**

**Il-provi mressqa**

Mix-xhieda ta' Paul Vassallo, li xehed fil-kapacita tieghu ta' rapprezentant ta' Fexserv Financial Services esebixxa sensiela ta' wiehed u tletin *invoices* tal-Western Union fil-konfront ta' flus li kienet irceviet l-imputata minghand Emanuel Camilleri. Illi dawn l-*invoices* juru li l-imputata gibdet madwar wiehed u tletin elf li allegatament irceviet minghand l-parte civile Emanuel Camilleri.

Ix-xhud spjega kif l-imputata kienet tipprezenta ruha f'diversi ferghat f'San Giljan u tipprezenta l-passaport biex tkun tista tigbor flus li suppost kien baghtilha certu Emanuel Camilleri.

Mill-istharrig intern li kienu ghamlu l-Western Union qatt ma rrizulta li Emanuel Camilleri uza s-servizz taghhom biex jibghat flus lill-imputata.

Ix-xhud spjega li sabiex persuna tkun tista tigbed flus li ghaddew tramite l-kumpanija taghhom Fexserv, irid ikun hemm persuna nominata fuq il-MTCN u li wara li tipprezenta l-passaport tkun tista tinghata l-flus. L-informazzjoni dwar il-persuna nominata trid tkun imdahhla fis-sistema tal-Fexserv. Skond ix-xhud, il-parte civile Emanuel Camilleri qatt ma ghamel uzu minn din is-sistema taghhom jew innomina lil hadd sabiex jigbed il-flus.

Meta s-sistema tintuza *online* irrid jinghata l-permess sabiex jintuza l-*credit card* ta' persuna ghaliex tkun qed tuza il-*cvv code* fuq wara tal-*credit card* li jkollha tlett numri bhala forma ta' identifikazzjoni.

Minn analizi tad-dokument esebiti[20] jirrizulta li fi perjodu ta' tlett xhur u nofs kien hemm trasferiment ta' total ta' wiehed u tlettin elf Euro (€31,000), bil-maggoranza taghhom f'ammonti ta' elf euro ghal kull transazzjoni u hlief ghal- transazzjoni wahda kollha saru mill-fergha ta' San Giljan. [21]

Minn ezami ta' kull transazzjoni jirrizulta li l-ammonti kienu minn Emanuel Camilleri ghall-imputata.

Ix-xhud ikkonferma wkoll li minn ezami tad-dokumenti, l-imputata kienet tmur fil-ferghat tal-Western Union u tipprezenta l-ID card taghha u n-numru tal-MTCN (*Money Transfer Control Number*). Ix-xhud ikkonferma li dawn il-flus hargu minn xi kont, izda f'dan il-kaz hadd ma pprezenta ruhu fl-agenzija biex ipoggi l-flus hemmhekk biex tehodhom l-imputata u jidher li dawn kienu gew trasferiti *online*.

In kontro ezami spjega li *"jekk ma toqghodx attent bil-credit card tieghek jew l-app tieghek, thallieh miftuh, thallieh accessibli ghal kulhadd, kulhadd jista juzah bhal ma tista taghmel bl-email, bhal ma tista taghmel b'hafna affarijiet."*[22]

Ix-xhud jghid ukoll li huwa ma jistax jghid minn ghamel it-transazzjoni ghaliex huwa biss il-persuna bil-qieghda wara l-kompjuter li jista jghid.

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda tal-parte civile, Emanuel Camilleri, li nghatat fl-udjenza tas-26 t'April 2017 irrizulta li darba minnhom mar sabiex juza l-*credit card*

[20] Dok PV1, Folio 25-58 ta' l-atti processwali
[21] Folio 26 ta' l-atti processwali
[22] Folio 146 ta' l-atti processwali

tieghu biex jigbed flus u ma sabiex fil-kartiera tieghu. Meta rraporta lil-bank ta' Bank of Valletta talab sabiex jigbdulu l-kumplament tal-flus li kien fadallu u rrealizza li l-maggoranza tal-flus li kienu fil-kont tieghu kienu ngibdu minn xi hadd mhux awtorizzat.

Ix-xhud stqarr li qatt ma awtorizza dawn it-transazzjonijiet kollha li gew ipprezentati mil-kumpanija Fexserv fir-rapport taghhom.[23] Ix-xhud kellu zewg *mobile phones.* Minkejja li kien jircievi messaggi dwar it-transazzjonijiet spjega li l-*mobile* fuq liema kien jircievi t-transazzjonijiet kien jinzamm go vann li kien bil-hsara u qatt ma nduna li kien qed jircievi dawn il-messaggi ghaliex ma tantx kien juzah.

*"…imma l-mobile ma kienx qieghed ghandi ma stajtx nuza l-iehor."*[24]

L-imputata kienet taf li dan il-mobile partikolari ma kienx jaghti kasu *"u hi taf li ma naghtix kasu il-mobile jien, dejjem b'dan ghax jien b'dan nahdem."*[25]

L-ahhar darba li x-xhud kien awtorizza trasferiment ta' flus kien f'Dicembru tas-sena 2016 meta kien ghadda somma flus lill-imputata, fl-ammont ta' hames mitt Euro (€500) biex jghinnha u hi tkun tista' tibghathom il-Brazil lill-familja taghha. Dak iz-zmien kien ilu jafha sentejn, u kienet ilha kwazi sena u nofs tghix mieghu u kienet assistiet lill-parte civile jaghmel it-trasferiment fuq Western Union bl-uzu tal-kompjuter.

[23] Vide Folio 26 ta' l-atti processwali
[24] Folio 61 fuq wara, ta' l-atti processwali
[25] Folio 68 fuq wara, ta' l-atti processwali

Ix-xhud stqarr li qatt ma kienet tuzalu l-*credit cards* tieghu u *"li kienet trid tmur thallas cash…. Kienet tmur dirett ghand il-Western Union bil-flus cash mhux minn fuq il-kompjuter."*[26]

Il-parte civile ma kienx jaf li l-imputata kienet qieghda tmur il-Western Union u meta rraporta s-sitwazzjoni mal-bank, qalulu li l-bicca kbira tat-trasferiment saru mill-Western Union u xi whud minn hwienet gewwa San Giljan li qatt ma kien ta permess ghalihom.

Mistoqsi:

*"Spettur Nikolai Sant: Jigifieri inti darba minnhom approvajt hames mitt euro, imma l-bqija ma approvajt xejn minn dawn it-tmienja u tlettin elf, li naqsu?*

*Xhud: Le, le le xejn, dawk l-erbat hwienet li naf liema huma ukoll."*[27]

Ix-xhud spjega wkoll li l-flus naqsulu minn zewg *credit cards*, izda fil-waqt li rraporta wahda bhala nieqsa, l-ohra kienet ghadha ghandu.

*"Spettur Nikolai Sant: Imma meta imbaghad ndunajt b'wahda indunajt bl-ohrajn?*

*Xhud: Le, u ma taghtniex flus, cempilt qaltli dik xi hadd gibidlek 5000 imma l-visa gold kienet ghandi mhux bhal l-ohra tlifta jew ma nafx x'gara, kienet ghandi.*

*Spettur Nikolai Sant: Jigifieri naqsulek mill-visa Gold waqt li kienet ghandek stess?*

*Xhud: Iva, 5000*

*Spettur Nikolai Sant: U dejjem baqghet ghandek dik?*

[26] Folio 63 fuq wara ta' l-atti processwali
[27] Folio 63 fuq wara ta' l-atti processwali

*Xhud: Le, ghandha dik kienet."*[28]

Ix-xhud kompla jispjega li l-unika darba li awtorizza lill-imputata taghmel trasferiment ghalih, hu kien prezenti u uzat il-kompjuter tieghu li kien go darhom u ghamlet kollox tramite *l-internet* minghajr in-necessita' li tmur hi stess il-Fexserv. Dan jirrizulta li gara f'Dicembru tas-sena 2016 u m'ghandhux jitqies li jiffigura fl-imputazzjonijiet mertu ta' dan il-kaz. Fil-fatt, jidher li l-imputazzjonijiet jirreferu ghall-perjodu ta' wara Dicembru 2016 sa April 2017.

Mix-xhieda tieghu irrizulta wkoll li jum qabel ix-xhud ta x-xhieda tieghu l-Qorti gie avvicinat minn persuna li cemplitlu fuq il-mobile tieghu ghan-nom ta' l-imputata li staqsietu jekk ikunx lest li jahfrilha jekk hi thallsu kollox fi zmien xahar. In-numru minn fejn saret it-telefonata kien numru telefoniku tal-habs.

Din it-telefonata gie ikkonfermata mix-xhud CO116 Helenio Galea li kkonferma li saret din it-telefonata mid-divizjoni tan-nisa u li l-konversazzjoni saret bl-Ingliz. Madankollu ma setax jghid minn kienet il-persuna li ghamlet it-telefonata.[29] Wara li l-Qorti semghet it-telefonata setghet tikkonferma li kienet saret proposta minn persuna li qalet li kienet traduttrici u talbitu sabiex jahfrilha qabel is-seduta tal-Qorti u thallsu lura kollox bin-nifs sabiex b'hekk hi ma tibqax il-habs.[30]

**Il-Qorti tqis din il-parti tax-xhieda inkwetanti u ta' preokupazzjoni.** Hawnhekk jirrizulta indubbjament li, waqt li l-imputata kienet taht arrest preventiv, sar tentattiv ta' intralc ta' provi tramite terzi persuni minn

---

[28] Folio 64 minn quddiem u wara, ta' l-atti processwali
[29] Dok HG, Folio 96 ta' l-atti processwali
[30] Folio 97 ta' l-atti processwali

gewwa l-habs. Illi fil-waqt li jirrizulta li din il-persuna kienet tinstema bhala persuna barranija hi qatt ma gie identifikata. Hareg car mir-*recording* li din il-persuna kienet qed isservi bhala messaggier u li d-diskors ma' l-imputat kien biex jinstab mezz sabiex il-proceduri kontra l-imputata ma jissokktawx.

Fit-telefonata jghid li kkawzatlu problemi b'dak li ghamlet u li:

*"She left me without money."*

In kontro ezami x-xhud Emanuel Camilleri nnega li l-impututa qatt tatu l-flus li qal li kienet gibdet.

*"Dr. Martin Fenech: Ara hux qed nghid sew li l-flus kienet qed ittihomlok meta tigbed.*

*Xhud: X'inhi?*

*Dr. Martin Fenech: Kienet taghtihomlok il-flus li kienet gibdet?*

*Xhud: Eh mhux hekk, x'taghtini?*

*Qorti: Iva jew le?*

*Xhud: Le, le*

….

*Dr. Martin Fenech: Anzi kont tibghatha int biex taghmel it-transactions u tigbed u taghtihomlok*

*Xhud: Le, le le, qatt ma baghttha jien."*[31]

[31] Folio 70 fuq quddiem u wara, ta' l-atti processwali

Ix-xhud ipprezenta wkoll dokumentazzjoni minghand il-Bank of Valletta li biha juri li l-parte civile kien qed jikkontesta l-ammonti u t-transazzjonijiet li kienu saru.[32]

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda ta' PS1320 Shaun Axiaq irrizulta li l-imputata kienet qieghda tahdem bl-istess sistema kull darba li tigbed il-flus. Kienet iddur b'taxi, tghaddi minn quddiem il-hwienet, inkluz l-ghassa ta' San Giljan, tibqa niezla, tigbed il-flus u terga' titlaq. Meta darba waqfuha waqt li kienet qed iddur b'taxi ta' lewn tal-fidda, instabet b'kopja tal-karta ta' l-identita ta' Emanuel Camilleri fil-basket taghha u spjegat li huwa l-partner taghha u tghix mieghu.

Ix-xhud Alexander Kroops spejga li gewwa l-hanut tieghu tax-xaghar bl-isem *Looking Good* ikkonferma li l-imputata kienet tattendi l-hanut tieghu. Kien anke ghadda lill-pulizija CCTV footage u kkonferma l-istess.

L-Ispettur Trevor Micallef fix-xhieda tieghu spjega l-mod kif l-imputata kienet qieghda topera b'mod mahsub u sofistikat u dan kien isir billi l-imputata tohloq kont bil-kompjuter mal-Fexserv, tircievi n-numru ta' dan il-kont, iddahhal id-dettalji tal-persuna li qed jaghti permess biex dawn il-flus imorru f'kont iehor u imbaghad tmur ghand il-Western Union b'dak in-numru tal-kont. Wara li jqabblu n-numru tal-kont li jkun ircieva mill-kompjuter, tinghata d-dritt biex tiddetermina ghand minn ghandhom imorru dawn il-flus.[33] Jekk persuna jkun jaf in-numru tal-kont

[32] Dok EC1, Folio 72-76 ta' l-atti processwali
[33] Folio 106 ta' l-atti processwali

u jkollok il-karta ta' l-identita tal-persuna tkun tista tghaddi transazzjonijiet.

Mill-investigazzjoni tal-pulizija irrizulta li l-imputata kienet qed tmur kwazi kuljum, b'taxi, taghmel dawn it-transazzjonijiet u gieli kienet tkun akkumpanjata minn persuna ohra femminili. Din it-terza persuna qatt ma giet identifikata jew imressqa mill-pulizija.

Fil-fehma tal-Qorti minn hawn jidher car kif l-imputata kienet hasbet u pjanat b'mod dettaljat u akkurat kif kellha taghmel sabiex takkwista dawn l-ammonti ta' flus. Mill-*modus operandi* ta' l-imputata jirrizulta li din ma kintix azzjoni ta' darba imma baqghet issir ghal perjodu ta' zmien tigbed ammonti kbar ta' flus u dan minghajr l-gharfien jew il-kunsens tal-vittma.

Mix-xhieda ta' Alexander Miruzzi, li xehed bhala rapprezentat tal-Bank of Valletta jirrizulta li l-bank irnexxilu jirkurpra l-flus lura bis-sistemi taghhom salv ghal xi ammont ta' elf Euro biss u li kienu f'posizzjoni li jirritornawhom lura lill-parte civile. Ix-xhud esebixxa wkoll sensiela ta' CCTV footages li minnhom tidher l-imputata, flimkien ma' mara ohra.[34] Illi f'dan il-footage, l-imputata tidher f'diversi ATM's f'San Giljan taghmel transazzjonijiet.[35]

Minn analizi interna tal-bank irrizulta li z-zewg *credit cards* tal-parte civile kienu stabbiliti sabiex jintbaghat SMS kull darba li ssir transazzjoni u dan kien jintbaghat lin-numru 0035699859795. Dwar il-Visa Gold card, din

[34] Dok AM1, Folio 113 ta' l-atti processwali
[35] Folio 113a ta' l-atti processwali

kienet f'isem il-parte civile biss u hija marbuta ma' Savings Account f'ismu biss.[36]

Fix-xhieda taghha Sandra Stevens ikkonfermat li l-parte civile kien irraporta mal-bank li ma kienx awtorizza dawn it-transazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-vittma Emanuel Camilleri rega tela jixhed nhar l-10 t'Ottubru 2018[37] fejn biddel il-posizzjoni tieghu u stqarr li issa jissuspetta li hi m'ghandha x'taqsam xejn. Illum il-gurnata r-relazzjoni taghhom hija tajba u qeghdin jergghu jghixu flimkien bhala koppja.

Iddikjara wkoll li sa fejn hu possibli jixtieq li l-proceduri kontra l-imputata jieqfu.

Illi l-Qorti l-ewwel u qabel kollox tara li l-imputata nhar is-26 ta' Lulju 2017 ghamlet talba ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest. Illi l-Qorti kif kienet diversament ipreseduta kienet talbet sabiex qabel tikkonsidra t-talba, ghandha tindika l-indirizz fejn hija qeghda tipproponi li tmur tirrisjedi u tindika jekk ghandhiex xi persuna li tista sservi ta' garanti idoneju f'dan il-kaz.

Permezz ta' risposta data l-1 ta' Awissu 2017 id-difiza ta' l-imputata stess iddikjarat li l-persuna li ser ikun responsabbli ghaliha huwa certu Duncan Deguara bin-numru tal-karta tal-identita 36280(M) u resident Marzu, 62, Triq il-Kampanella, Fgura. **Illi lil-Qorti qatt ma gie indikat jew zvelat lilha x'inhi r-relazzjoni jew il-konessjoni bejn Duncan Deguara u l-imputata, u fl-ahjar ipotesi, dan qatt ma gie registrat in atti. Din il-Qorti**

[36] Dok AM2, Folio 114 ta' l-atti processwali
[37] Folio 193-196 ta' l-atti processwali

**tqis li la darba l-imputata kienet ser tmur tirrisedji b'mod permanenti f'dan l-indirizz ma' din il-persuna (u dan dejjem sabiex tissostanzja t-talba taghha ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest) kien ikun ta' importanza li l-Qorti kif kienet diversament preseduta tkun taf x'kienet il-konessjoni tal-imputata ma' l-imsemmi Duncan Deguara f'dawn il-proceduri.**

Sussegwentement a bazi ta' dawn il-garanziji l-imputata inghatat il-helsien mill-arrest fil-31 ta' Awissu 2017.[38]

Illi f'dan id-digriet tal-Qorti hemm imnizzel bhala whud mill-kundizzjonijiet:

"*3. Li ma tkellimx jew tavvicina la direttament u anqas indirettament lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;*

…[omissis]…

*7. Jekk tbiddel l-indirizz tad-dar, tinforma lill-Pulizija b'dan it-tibdil fi zmien tnax il-siegha minn tali bdil.*"

Illi mill-atti ma jirrizultax li l-pulizija qatt giet informata b'ebda tibdil ta' indirizz izda minflok jirrizulta li, sa mill-inqas Ottubru 2018, l-imputata u l-parte civile regghu bdew jghixu flimkien bhala koppja. Il-Qorti ma tqisx li dan l-agir huwa wiehed accettabbli u hija fid-dmir li tirrilevah u li l-istess jigi mistharreg.

Illi fil-mori tal-kawza u fil-perjodu meta l-prosekuzzjoni kienet ghadha qed tressaq il-provi taghha, irrizulta b'mod car li l-imputata l-ewwel iddikjarat li marret tghix ghand certu Duncan Deguara, izda f'xi zmien

[38] Folio 133 ta' l-atti processwali

wara t-talba taghha ghall-helsien mill-arrest, marret tghix ghand il-vittma stess u dan minghajr ma ottjeniet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tvarja l-kundizzjonijiet tad-digriet ghall-ghoti tal-helsien mill-arrest u minghajr ma gharrfet il-pulizija b'dan.

Illi wara dan l-akkadut, il-parte civile eventwalment tela jixhed il-Qorti, jitlob sabiex jitwaqqghu l-proceduri fil-konfront tas-siehba tieghu u sahansitra biddel il-fehma tieghu u beda jaghti interpretazzjoni differenti tal-istess fatti li kien gja' ddepona dwarhom bil-gurament tieghu.

Oltre dan, din il-Qorti tara li l-unika talba li saret mill-imputata kienet nhar is-27 ta' Frar 2019. Fit-talba tiddikjara li marret tghix fl-indirizz St James Court, Flat 2, Triq is-Sinja, Attard. Illi minn ezami ta' l-atti jirrizulta li dan huwa l-istess indirizz li kienet tghix fih mal-parte civile qabel ma tressqet il-Qorti u l-istess indirizz li marret tghix fih minghajr ebda awtorizzazzjoni tal-Qorti mill-inqas minn Ottubru 2018. Dan l-agir jista' jammonta ghal ksur tad-digriet tal-helsien mill-arrest.

Il-Qorti tara wkoll li f'din it-talba l-imputata tghid li "*L-esponenti, sal-lum, imxiet ma dawn il-kundizzjonijiet rigorosament*" meta effettivament, mix-xhieda tal-parte civile stess, jirrizulta l-kuntrarju.

Id-digriet tal-helsien mill-arrest, b'kundizzjonijiet cari, imposti proprju fid-dawl ta' allegazzjonijiet li s-siehba tal-vittma setghet abbuzat mir-relazzjoni taghhom biex approprjat ruhha minn xi flejjes, ma kienx qieghed hemm biex jigi injorat. Din il-Qorti tqis ukoll li l-avukati tal-partijiet ghandhom ikunu bil-wisq aktar attenti meta jipprestaw ruhhom ghal dikjarazzjonijiet tal-klijenti taghhom, aktar u aktar meta uhud minn dawk id-dikjarazzjonijiet jirrizultaw inveritieri jew sahansitra qarrieqa.

Minn naha taghha, il-prosekuzzjoni messha informat lill-Qorti b'mod immedjat u missha intervjeniet meta rat li l-imputata marret tghix gor-residenza tax-xhud principali tal-prosekuzzjoni specjalment jekk deherilha li dan l-istat ta' fatt seta' jwassal (kif effettivament gara) li l-parte civile jkollu ripensament dwar il-posizzjoni tieghu. Din il-Qorti ma tqishiex bhala xi haga leggera affattu meta xhud jibdel il-posizzjoni tieghu li jkun gja kkonferma bil-gurament waqt proceduri serji pendenti u sahansitra waqt l-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

Ghalhekk il-Qorti sejra biex tghaddi sabiex f'din is-sentenza stess tordna li dan l-akkadut jigi debitament investigat mill-pulizija u dan, sabiex jigi determinat jekk kienx hemm ksur tal-kundizzjonijiet ghal-ghoti tal-helsien mill-arrest. Illi l-investigazzjoni ghandu issir ukoll sabiex jigi determinat taht liema cirkostanzi l-imputata provdiet l-indirizz u l-persuna ta' Duncan Deguara bhala l-persuna ghand minn kellha tmur tirrisjedi u kif, meta u taht liema awtorizzazzjoni telqet minn ghand Duncan Deguara u marret tghix ghand il-parte civile meta dan ta' l-ahhar kien xhud fl-istadju tal-provi tal-prosekuzzjoni.

Illi x-xhud principali meta xehed it-tieni darba kellu ripensament wara li l-imputata marret tghix mieghu u jghid:

*"qabel ma mort naghmel ir-rapport San Giljan, l-Ghassa, lilha informajta lil Gleciane xi tlett ijiem qabel u bejn wiehed u iehor sakemm dahal ir-rapport u hekk ghaddiet xi gimgha. Hekk kellha taghmel xi haga ghamlitu, jigifieri qed nissuspetta jiena li mghanda x'taqsam xejn.*

…

*..ghax jien ghedtilha xi tlett ijiem qabel, jiena ha mmur naghmel rapport, ghedtilha biex jekk ghandek x'taqsam, tkellem. Qaltli, jiena mghandiex x'naqsam xejn ansi kienet nizlet ticcekja fil-hwienet fejn hargu xi flus. Kont inzilt jien ukoll u ma konnha sibna xejn jigifieri."*[39]

Din il-Qorti fid-dawl ta' dan kollu ser tqis is-sustanza tat-tieni darba li xehed il-parte civile fil-kuntest ta' dan kollu u tqis li t-tieni xhieda ta' Emanuel Camilleri mhijiex versosimli u tikkuntrasta bil-qawwi kemm ma' l-ewwel verzjoni moghtija mill-parte civile, kif ukoll mal-bqija tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, inkluz filmati, u provi dokumentarji ohra. Meta xehed l-ewwel darba, Camilleri kien ghamilha cara li kien diga gie avvicinat sabiex ibiddel il-posizzjoni tieghu minn xi persuna gewwa l-habs ghan-nom tal-imputata. Kien biss wara li l-imputata marret tghix mieghu li rega' tela jixhed b'verzjoni differenti. Fit-tieni xhieda tieghu, imbaghad, ma jispjegax b'mod konvincenti u lanqas jissostanzja ghalfejn illum qed jahseb li l-fatti setghu kienu differenti.

Fil-waqt li l-Qorti tiehu konjizzjoni tal-fatt li illum il-gurnata l-parte civile hafer lill-imputata, madankollu, minkejja din il-posizzjoni tal-parte civile, dawn il-proceduri huma ta' natura *ex officio* u ma jistghux jigu mwaqqfa minhabba l-fatt li l-parte civile hafer lill-imputata.

Ix-xhieda li nghatat minn Emanuel Camilleri kienet u baqghet legalment valida u fl-istess xiehda ta' Ottubru 2018, qatt ma gew innegati jew mibdula l-fatti li kienu gew originarjament rakkontati mill-parte civile. Il-fatt li illum il-parte civile u l-imputata regghu rrangaw bejniethom tista' tigi meqjusa biss minn din il-Qorti bhala attenwanti fil-konsiderazzjonijiet

[39] Folio 194 ta' l-atti processwali

tal-Qorti jekk jirrizulta li trid tinstab htija izda certament mhux bhala bazi sabiex jitwaqqfu l-proceduri fil-konfront ta' l-imputata.

**Ikkunsidrat**

**L-istqarrija ta' l-imputata**

Illi l-istqarrija ta' l-imputata Gleiciane Lino Achaval ittiehdet nhar it-12 ta' April 2017 gewwa l-Ghassa tal-Pulizija f'San Giljan minn l-Ispettur Trevor Micallef, fil-prezenza ta' PC 168 Jonathan Sterry. L-istqarrija ittiehdet wara li kienet inghatat is-soliti twissija ta' xiex giet investigata u wara li nghatat d-drittijiet kollha taghha dwar il-jedd li tikonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha qabel issirlha xi interrogazzjoni[40].

L-istqarrija ta' l-imputata ittiehdet l-ghada li r-reat gie rapportat, u cioe' fit-12 ta' April 2017. L-imputata ghazlet li tiffirma kull pagna ta' l-istqarrija wara li tkellmet ma' avukat qabel l-interrogazzjoni u kien prezenti waqt l-interrogazzjoni taghha. L-imputata izda ghazlet li ma tirrispondix ghall-maggoranza tal-mistoqsijiet li sarulha u dawk l-iktar pertinenti ghall-kaz.

Fl-istqarrija, l-imputata ikkonfermat li l-Emanuel Camilleri kienet ilha tghix mieghu kwazi sentejn bhala gharajjes u kienu qed jippruvaw li jkollhom wild flimkien.

L-imputata ikkonfermat ukoll li kemm-il darba marret f'branka tal-Western Union sabiex tibghat flus id-dar il-Brazil.

[40] Folio 7-9 ta' l-atti processwali

Madankollu ghall-maggoranza tal-mistoqsijiet, partikolarment dawk l-iktar pertinenti ghall-kaz, l-imputata ghazlet li ma tirrispondix ghall-mistoqsijiet.

**Ikkunsidrat**

**Ix-xhieda ta' l-imputata**

Illi l-imputata ghazel li b'mod volonarju taghti x-xhieda taghha.[41] Illi tul ix-xhieda taghha l-imputata tenniet li dak kollu li ghamlet kien bil-barka ta' Emanuel Camilleri u li kien jaf b'kollox. Innegat ghal kollox li kkomettiet dawn ir-reati u li kollox sar bil-kunsens tal-parte civile.

Fix-xiehda taghha kkonfermat ukoll li fil-prezent kienet qieghda tghix mieghu u kien hemm hsieb ta' zwieg. Spjegat li ghandha t-tfal gewwa l-Brazil u li l-parte civile imantnilha t-tfal taghha.

Meta kienet mitluba tispjega kif kien il-kunsens tieghu, l-imputata spjegat:

*"Huwa kien dejjem maghha, hu dejjem kien hdejha, il-kompjuter huwa tieghu u kien jibqa' hdejha."*[42]

Meta kienet tmur tigbed il-flus minn gewwa l-ATM, il-parte civile kien ikun xoghol.

*"Jghidilha biex tigbed ghax ma jkollux zmien biex imur.*

….

[41] Folio 253-281 ta' l-atti processwali
[42] Folio 257 ta' l-atti processwali

*Qaltlek il-card dejjem kienet tkun mieghu u kull darba li jkollu, li jkollu bzonn jigbed jaghtiha lilha u jghidilha biex tmur tigbed."*[43]

Meta tqabbel ix-xhieda ta' l-imputata flimkien max-xhieda tal-vittma ma jirrizultax li dak li tinsisti fuqu l-imputata huwa kkoroborat jew jaqbel ma dak li xehed il-parte civile z-zewg darbiet. Lanqas ma jaqbel jew jikkorrispondi mal-provi l-ohra migjuba mill-prosekuzzjoni. Maghdud mal-mod kif kienet topera u x-xhieda l-ohra li xehdu din il-Qorti mhijiex konvinta minn dak li xehdet l-imputata. Fil-waqt li l-imputata tinsisti li kull ma ghamlet kien permessibli, l-ispjegazzjonijiet taghha huma vagi u xi dubjuzi.

Tenniet li r-raguni ghalfejn kienu jintbaghtu flus barra kienu sabiex tmanti t-tfal taghha. Filwaqt li dan il-mottiv jista jkun minnu u b'skop genwin, dan ma jnaqqasx ir-responsabilita' taghha tal-mod kif akkwistat, uzat jew hadet il-flejjes tal-parte civile.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel akkuza tal-assocjazzjoni, anke jekk tigi applikata ghar-reati kollha li taghhom giet imputata Gleiciane Lino Achaval, ma jirrizulta bl-ebda mod li kien hemm intervent u wisq anqas ftehim ta' mill-inqas tnejn min-nies. Filwaqt li l-prosekuzzjoni taghti indikazzjoni li kien hemm persuna ohra prezenti ma' l-imputata f'xi okkazjonijiet, bl-ebda mod ma gie pprovat li l-prezenza ta' dik il-persuna (li baqghet mhux identifikata) issarraf f'assocjazzjoni mal-imputata. Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex ser issib htija f'dan ir-rigward.

---

[43] Folio 258 ta' l-atti processwali

Fir-rigward tar-reat tar-ricetazzjoni, dan ir-reat ma jirrizultax. Kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza, ir-reat ta' ricetazzjoni jiddependi fuq li wiehed jilqa' ghandu, jixtri jew jindahal biex ibiegh jew imexxi xi oggett (hu x'inhu l-oggett), liema oggett kien effettivament misruq, miksub b'qerq jew akkwistat b'xi wiehed mir-reati dwar hwejjeg akkwistati jew mizmuma kontra l-ligi. Ir-reat anterjuri irid ikun gie kommess u ghalhekk, akkuza taht l-artikolu 334 tippresupponi l-esistenza ta' reat iehor precedenti li ghandu effettivament ikun gie kommess, altrimenti r-reat tar-ricettazzjoni ma jistax jirrizulta. Issa f'dan il-kaz, ma jirrizulta bl-ebda mod li l-agir tal-imputata jikkonfigura f'dawn l-elementi. Konsegwentement, l-imputatat ma tistax tinstab hatja tat-tielet akkuza.

Il-Qorti tqis li fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, ossija dik taht l-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali, il-htija ma tistax tirrizulta. Minkejja li jirrizulta li l-imputata kienet tadopera sistema ta' kif tiehu l-flejjes li jappartjenu lill-parte ivile, minn imkien ma jirrizultaw dawk ir-raggiri jew dik il-*messa in scena* u lanqas ma jirrizulta xi raggiri jew inganni nducew lill-parte civile sabiex jiddisponi minn xi gid tieghu jew li jispussessa ruhu minn xi hwejjeg tieghu favur l-imputata. Ghall-kuntrarju, il-parte civile, fix-xiehda tieghu jikkonferma li kull haga li saret, saret bl-insaputa u bl-assenza tal-kunsens jew awtorizzazzjoni tieghu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-elementi necessarji tar-reat ta' truffa ma jirrizultawx, u l-Qorti sejra tillibera lill-imputata minn din l-akkuza.

Anke fir-rigward tal-ahhar imputazzjoni, din il-Qorti ma tistax tara kif il-fatti tal-kaz in ezami jiffiguraw taht dan ir-reat. Kif diga' ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, sabiex jirrizulta r-reat tal-frodi innominata, ghandu jirrizulta li kien hemm imqar gidba li effettivament tammonta ghal qerq, u cioe' li tkun intiza sabiex il-vittma jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li b'konsegwenza tirrekalu telf patrimonjali. Minkejja li m'hemmx dubju li l-vittma Camilleri sofra telf patrimonjali, ma jirrizultax li kien hemm dik il-'gidba' jew dak l-agir meqjus necessarju sabiex tirrizulta din l-akkuza taht l-artikolu 309 tal-Kodici Kriminali.

Ghalhekk, anke fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, din il-Qorti ma tistax issib htija.

Dwar it-tieni imputazzjoni, ossija dik tas-serq, din il-Qorti pero' tqis li l-elementi tas-serq gew ipprovati fis-shih. M'hemmx dubju li l-imputata hadet hwejjeg ta' haddiehor b'qerq, kontra l-volonta tal-parte civile Camilleri u evidentement bl-iskop li tapprofitta ruhha minn dawk il-flejjes. Madankollu, din il-Qorti tqis li fir-rigward tal-aggravji tal-mezz, tal-persuna, tal-lok u tal-hin, din il-Qorti tqis li l-istess aggravji ma gewx provati skond id-definizzjonijiet rispettivi taghhom taht l-artikoli 263, 268, 269 u 270. Ghalkemm jirrizulta li l-imputata eskogitat sistema ta' kif iddawwar flejjes favur taghha mill-kompjuter li kien jinsab fid-dar ta' abitazzjoni tal-imputata, jidher li sa dak l-istant li tkun hekk dawwrithom favur taghha, il-flejjes ma jkunux ghadhom ingabru minnha u teknikament, ghalhekk, is-serq ikun ghadu ma avverax f'dik id-dar ta'

abitazzjoni. Jekk xejn, jista' jkun li jkun avvera ruhu xi reat iehor, izda mhux dak tas-serq. Ghal din ir-raguni, l-aggravji tal-lok u tal-persuna ma jistghux jirrizultaw. Dwar dak tal-mezz, minn qari tat-test tal-ligi, ma jirrizultax xi wiehed mill-mezzi indikati fil-ligi ghall-finijiet ta' dan l-aggravju. Dwar dak tal-hin, imbaghad, ma tirrizulta ebda prova li r-reat sar fil-hin ta' bejn inzul u tlugh ix-xemx.

L-istess ma jistax jinghad fir-rigward tal-aggravju tal-valur. M'hemmx dubbju li ghalkemm b'sistema aktar kumplessa minn sitwazzjonijiet ohra, l-imputata effettivament serqet flejjes tal-parte civile, fuq medda ta' zmien, f'somma li teccedi t-€30,000. Konsegwentement, ghandu japplika l-artikolu 279 (b) tal-Kodici Kriminali u din il-Qorti sejra ssib htija tal-imputata f'dan ir-rigward.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

-Il-imputata ghandha fedina penali netta.[44]

-Il-parte civile hafrilha u illum il-gurnata qed jerghu jibnu relazzjoni flimkien.

**Decide**

[44] Folio 11 ta' l-atti processwali

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 31, 48A(1)(2)(3)(4), 20, 31, 261(b)(c)(d)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268(b), 269(d)(g), 270, 278(1)(2)(3), 279(b), 280(1)(2), 281 (a)(b)(c), 334(a)(c), 308, 309, 310(1)(a), 7, 8, 11, 14, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 31, 532A, 532B u 533, 412C, 412D, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Gleciane Lino Achaval **mhux hatja** ta' l-ewwel, tat-tielet, tar-raba' u tal-hames imputazzjonijiet u tillibera minn kull htija u piena dwarhom, **hatja** tat-tieni imputazzjoni, izda aggravata biss bil-valur u minghajr l-aggravju tal-mezz, hin, lok u persuna u tikkundannaha ghal perjodu ta' **tmintax** (18) il-xhar prigunerija, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien tlett snin (3) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Ill-Qorti b'referenza ghal dak li ntqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza[45] u wara li rat l-artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna komunika immedjata ta' din is-sentenza lill-Kumissarju tal-Pulizija sabiex l-imputata tigi investigata dwar jekk kienx hemm ksur tad-digriet tal-Qorti tal-Magistrata (Malta) li nghatat mill-Magistrat (dak iz-zmien) Dr. Aaron Bugeja fil-31 ta' Awissu 2017 dwar il-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest kif ukoll jew jekk giex kommess intralc ta' provi jew reat iehor.

[45] Folio 23 u 24 tas-sentenza

KOMUNIKA: Kummissarju tal-Pulizija

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħatja Gleiciane Lino Achaval taħt obbligazzjoni tagħha personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000.

In vista tal-fatt li l-parte civile iddikjara li l-imputata u hu jghixu flimkien u li ghandhom relazzjoni, il-Qorti tqis li m'hemmx ragunijiet validi sabiex jinhareg Ordni skond l-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533.

**Moghtija illum nhar il-10 ta' Dicembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**